

# "Wara li ħrabna mill-perikli u l-vendikazzjonijiet erġajna f'inċertezza"

## Ali Konate mill-Mali ilu 14-il sena f'Malta u qed jibża' li jitkeċċa

**Pio Dalli**
pio.dalli@netmedia.com.mt

"Barra l-gwerer u l-konflitti interni hemm affarijiet oħra li jġegħluna nitilqu minn pajjiżna biex insibu ħajja aħjar fejn m'hemmx il-perikli tal-vendikazzjoni u t-tpattija." Din l-istqarrija għamilha Ali Konate, raġel ta' 32 sena minn Mali li ilu jgħix f'Malta mill-2002 f'intervista ma' *il-mument*.

"Imma issa erġajna ninsabu f'inċertezza kbira għaliex hawn Malta min m'għandux dokumenti ta' identifikazzjoni mhux qed iġeddulu l-Istatut ta' Protezzjoni Umanitarja (THPN). Jien m'għandix passaport u dan ukoll ipoġġini f'diffikultajiet kbar."

Din hija l-karba ta' Ali Konate li meta tkellem ma' din il-gazzetta rrakkonta kif meta kien għad kellu 14-il sena, il-familja tiegħu u familja oħra kienu laħqu ftehim li għandu jiżżewweġ lil binthom.

"Kont għadni lanqas naf x'inhu żwieġ u kont diġà ġejt imwiegħed lil mara oħra. Meta rrealizzajt x'kien qed jiġri, iddeċidejt li naħrab mill-pajjiż. Tlaqt b'ta' fuqi senduqi u bil-ftit flus li kont ġemmajt. Peress li kont għadi żgħir u qatt ma kont ħriġt mill-pajjiż qabel, ma kellix dokumenti.

"Ma stajtx nibqa' fil-Mali għal tal-familja kienu jsibuni. Lanqas stajt nibqa' fl-Afrika għaliex malli jsiru jafu fejn int, jiġu biex jeħduk lura, u jekk tirreżisti, joqtluk. Għalhekk iddeċidejt li mmur lejn il-Libja u minn hemm naqbad dgħajsa li teħodni xi mkien, ikun fejn ikun, basta mhux fl-Afrika.

"Biex wasalt il-Libja kont niddobba vjaġġ fuq trakkijiet u *pick-ups*." Il-Libja dam xi ftit ġimgħat fejn kien jagħmel xi xogħlijiet żgħar.

### Biex ġejt Malta ħallast US$1,200

Ali Konate jirrakkonta li biex seta' jitla' fuq id-dgħajsa kellu jħallas 1,200 dollaru Amerikan u fuq id-dgħajsa kienu mal-200 ruħ.

"Kien Settembru u l-baħar kien imqalleb u sibna wkoll ħafna riħ. Meta wasalna, ħadt ir-ruħ. Imma ma kontx naf fejn wasalna. L-importanti kien li tlaqt mill-Afrika.

"Meta nżilna Malta għaddejt 18-il xahar f'detenzjoni u wara baghtuna fiċ-ċentri miftuħa f'Ħal Far. Minn hemm stajt immur għand il-pulizija biex niġbor dokumenti ta' identifikazzjoni lokali. Bdejt ukoll infittex impjieg biex ikolli flus ħalli nkun nista' nikri fejn noqgħod u anke biex inkun nista' ngħix mingħajr l-għajnuna ta' ħadd.

"Fis-sena 2010 ngħatat it-*Temporary Humanitarian Protection (New)*. Sibt impjieg ma' kumpanija lokali u fiż-żmien li kont naħdem ma' din il-kumpanija attendejt xi korsijiet fl-MCAST minn fejn irnexxieli nikseb ċertifikati tajbin ħafna. Illum jien naħdem għal rasi, għandi dar fejn noqgħod flimkien mas-sieħba tiegħi u x-xahar id-dieħel qed nistennew tarbija.

"Fl-2012 bdejt naħdem għal rasi bħala *air conditioner installer – maintenance and servicing*. Nagħmel ukoll xogħol ta' *electrician* u *plumber*."






> **"Sibt impjieg ma' kumpanija lokali u attendejt xi korsijiet fl-MCAST minn fejn irnexxieli nikseb ċertifikati tajbin ħafna. Mill-2012 bdejt naħdem għal rasi, għandi dar flimkien mas-sieħba tiegħi u x-xahar id-dieħel qed nistennew tarbija."**

### Qed nagħtu kontribut lill-pajjiż

Ali Konate qal li f'dan iż-żmien li ilu jaħdem dejjem ħallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali u t-taxxi dovuti waqt li sostna li fl-14-il sena li ilu f'pajjiżna hu, bħal ħafna oħrajn mhux biss ta kontribut lill-ekonomija tal-pajjiż, imma wkoll dejjem għexu ħajja kwieta u qatt ma kisru difrejhom mal-liġi.

Hawnhekk Ali Konate reġa' rrefera għall-fatt li kellu jitlaq minn pajjiżu. Hu qal li bħal ħafna oħrajn kellu jitlaq minn pajjiżu u kienu ċ-ċirkostanzi li wassluh f'din is-sitwazzjoni li wieħed jista' jsejħilha illegali.

Waqt li tkellem dwar dak li jista' jiġri jekk jibdew jiġu kkunsidrati bħala immigranti illegali u sussegwentement bħala ħaddiema illegali, Ali Konate qal li dan jagħti lok għal aktar sfruttament ta' nies bħalu.

Wara tkellem dwar is-sitwazzjoni f'diversi pajjiżi Afrikani li fl-imgħoddi kienu kolonji ta' pajjiżi tal-Punent. Huwa qal li minkejja li dawn il-pajjiżi ngħataw l-indipendenza, din kienet xi ħaġa li ġrat kważi għalkollox fuq il-karta biss għaliex prattikament għadhom il-kolonizzaturi li jmexxu. Hu ssokta li l-istampa li għandha d-dinja tal-Afrika mhix l-istampa reali imma hi l-istampa li jrid jagħti l-Punent. Huwa temm bl-istqarrija qawwija li mhux fl-interess tal-Punent li fl-Afrika jkun hemm l-istabbiltà.

